MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Numru. 1332/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann Fenech**

**VS**

**James Tabone, iben Louis u Maria nee' Zammit, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Marzu, 1983, residenti numru 96, Triq Censu Bugeja, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita' numru 180283M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **James Tabone** li gie akkuzat talli nhar is-26 ta' Marzu, 2008, u fl-ahhar tlitt xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer, jew barra minn dawn il-Gzejjer, sabiex

ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina psikotropika u ristretta (escasty) bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendatdi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanza tali assocjazzjoni;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (escasty) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli ttraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

4. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli kkommetta reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr J Padovani LL.D., nhar l-14 ta' Frar, 2007 u aktar talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt Dr J Padovani LL.D. nhar l-14 ta' Frar, 2007.

Rat illi fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 163), biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat ukoll illi l-imputat meta regghu gew moqrija l-akkuzi kien wiegeb illi ma kinx hati tal-istess. Rat ukoll il-verbal tad-Difiza f'dan ir-rigward (folio 60). Rat ix-xhieda prodotti. Senjalament rat ix-xhieda tal-espert analista Godwin Sammut, li xehed dwar il-pilloli li gew lilu mghoddija fil-presenza tal-imputat, u PC 404 u P
S 293. Ikkonkluda hekk:

*a. "Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizzati (133-il pillola) li hemm fid-dokument 182_08_02A, instabet is-sustanza 3.4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru total ta' pilloli kien ta' 252. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*b. Illi fl-estratti mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 182_08_01 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz total tas-sustanza kien ta' 1.22grammi, u l-purita' kienet ta' circa 10%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Rat ukoll ir-relazzjoni ta' PC 239 Joseph Caruana fil-konfront ta' sustanza suspettata, elevata mill-fond 96, Triq Censu Bugeja, Hamrun, mghoddija ghalhekk kif premess lil Godwin Sammut.

PS 579 Antoine Micallef xehed dwar tfittxija li l-pulizija ghamlu fir-residenza tal-imputat gewwa l-Hamrun, minn fejn gew elevati mill-kamra tas-sodda tal-imputat, borza bicca cannabis, u fil-meter tad-dawl borza li kien fiha 252 escstasy.

Dan it-trovata giet anke kkonfermata minn WPC 127 Carmen Gauci – cioe' xehdet fuq il-pilloli ecstasy – 252, misjuba kif iddeskriviet hi fil-meter tad-dawl kif tiftah il-bieba (folio 70).

PC 265 Malcolm Grixti xehed dwar li gie minnhom imwaqqaf l-imputat, u fuqu nstabu l-ammont ta' flus ta' €730. Xehed ukoll dwar it-tfittxija li saret fir-residenza tieghu u d-droga li nstabet.

L-Ufficjal Prosekutur Johann Fenech minn naha tieghu ezebixxa l-istqarrija tal-imputat, Dok JF 3 folio 19; u sentenza kontra l-istess (vide konnotati) bhala Dok JF4 folio 22.

Fl-istqarrija, li ghalkemm moghtija minghajr dritt ta' Avukat, il-Qorti ser tezamina, anke minhabba l-fatt li certament mhix l-unika prova mressqa kontra l-imputat, oltre ghall-fedina penali tieghu. Qal illi kien jiehu joint kuljum, li ghalhekk kien ipejjep il-cannabis.

Ikkonferma dak li nstab go daru. Qal illi r-raza kienet ghalih, pero l-ecstasy kien qieghed izommha sakemm icempillu min gabha. Qal illi hu kien ihallsu dak li kien qallu biex izommu l-esctasy. Ammetta li l-ecstasy kien ser jghaddiehom lil haddiehor. Dwar ir-raza qal illi kien hallas €23.
Dwar l-ecstasy, qal illi l-ecstasy kien tahomlu certu Jason li kien jaghtih id-droga, imbaghad meta kien icempillu kien umbaghad ta' dan kien jaghtih bejn €70 - €80. Qal illi kien ilu xahrejn jahdem ma' dan Jason, u li dan kien jaghtieh xoghol darba fil-gimgha, fil-weekend, daqqa mitt escasty u daqqa 250 wahda.

In difesa xehdet certu Maria Tabone, omm l-imputat. Qalet illi fil-fond fejn kien joqghod l-imputat kienet toqghod hi flimkien ma' tifel iehor Josef. Fi zmien it-tfittxija kien hemm anke t-tfajliet ta' dawn jghixu hemm.

Mike Orland, in rapprezentanza tal-Agenzija Sedqa, xehed illi l-imputat kien beda mas-Sedqa fis-sena 2007 fejn kien ghamel programm b'success gewwa Ghawdex.

Xehed illi l-imputat kien bniedem mibdul u li kien ikkopera hafna maghhom, anke li llum kien missier.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Il-Qorti a priori tghid illi xejn u xejn ma taqbel mad-Difiza dwar il-provi prodotti. In linea mad-decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali taghna fil-konfront ta' Charles Steven Muscat tat-8 ta' Ottubru, 2012, Prim Awla, Sede Kostituzzjonali, l-istqarrija m'ghandhix ghalfejn tigi skartata. Taghmel referenza wkoll din il-Qorti ghal dak li qalet il-Qorti Kriminali, Appelli Inferjuri, fis-sentenza taghha "Il-Pulizija vs Paul Cutajar", datata 18 ta' Gunju, 2013:
*"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk listqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm lakkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija."*
Oltre dan, ghalkemm fid-dar fejn instabet id-droga jghixu membri ohra tal-familja tal-imputat, jirrizulta wkoll illi hu gia' kellu problema ta' droga li Llum jidher li hareg minnha; u li fuqu anke nstabet is-somma ta' €730 li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif prezentatat, xejn ma tghin lit-tezi tal-imputat.

Illi certament l-istqarrija hija wahda li ttiehdet skont il-Ligi vigenti fi zmienha – dan ma giex ikkontestat. Harsa lejn il-fedina penali tal-imputat, anke tar-reat li tieghu gie misjub hati, ma tantx jidher li kien daqstant vulnerabbli, tenendo kont ukoll li dan ir-reat kif rifless fil-fedina penali gie biss kommess ftit qabel dan ir-reat in dezamina.

Ghaldaqstant, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 8, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Avviz Legali

22/1985, u wkoll Legislazzjoni Sussidarja 31.18 (Reg 5), Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif iddikkjara l-Ufficjal Prosekutur fit-trattazzjoni tieghu.

Dwar il-piena, rat li moghti cans tramite l-applikazzjoni ta' sentenza sospiza ma gharafx dak iz-zmien jiehu l-opportunita', ghalkemm illum jidher skont ix-xhieda ta' Mike Orland li rriforma ruhu;
Ghalhekk, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mhix ser tordna li s-sentenza sospiza tidhol in effett;
Qieghda pero fuq ir-reati li ghalihom gie issa kkundannat taht il-Kapitolu 31 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs; u ghal multa ta' €5,000.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal hlas ta' € 725.67 bhala spejjez peritali.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha maqbuda u lilha ezebita bin-numru SB326.2009 u in kwantu hekk tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

Tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta' €730 lilha ezebita bin-numru SB138.2009.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------